**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 566/97

John Camilleri

vs

CGMO, Dipartiment tas-Sahha u l-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku li giet kjamata fir-rikors b' digriet tad-29 ta' Settembru 1999

Illum 20 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1989 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa dahal jahdem l-isptar San Luqa bhala Enrolled Nurse fl-1975.

Fl-1989 meta huwa kien jahdem is-Surgical Out Patients, u kien jokkupa l-kariga ta' Enrolled Nurse, kienu hargu sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Enrolled Nurse 1A.

Huwa applika u ghamel l-interview rikjest. Xtaq isemmi li:

1. Waqt dan l-interview kien hemm persuna prezenti fil-Bord, jigifieri s-Sur Alfred Briffa, li huwa darba kellu xi argumenti mieghu u ghaldaqstant mhux suppost li kien prezenti waqt l-interview tieghu, minhabba li seta' kellu xi influwenza fir-rizultat.

2. Il-mistoqsijiet li sarulu kienu ta' standard li jippartjenti lil Tobba u mhux lil Nurses tal-grad tieghu.

3. Meta huwa waqt l-interview ipprezenta Diploma mill-Universita` ta' Malta fil-Business Law and Accountancy, is-Sur Alfred Briffa, kien irrimarka li din ma tiswiex.

Billi huwa hass li kien mar tajjeb hafna waqt dan l-interview, kien perswaz li kien ghadda u li kien ser jinghata din il-promozzjoni.

Kif appena huwa lesta mill-interview u hareg barra mill-kamra, iltaqa' ma' Mr. Lawrence V. Zrinzo, li kien jokkupa l-kariga ta' Consultant Neuro Surgeon, u lil dan irrimarkalu li hu jista' jzarma mill-kariga tieghu ghaliex bl-istandard tal-mistoqsijiet li gie mistoqsi zgur li kien ser jehodlu postu. Hawnhekk spjegalu t-tip ta' mistoqsijiet li gie mistoqsi, u wara dan dahal fil-kamra ta' l-interviews u staqsa l-istess mistoqsijiet lill-ezaminaturi.

Meta rega' ltaqa' mieghu, Mr. Zrinzo kien qallu li hadd ma rrisponda ghal dawn il-mistoqsijiet.

Meta hareg ir-rizultat, sab li kien gie maqbuz minn ohrajn li ma kellhomx kwalifiki, seniority u esperjenza daqsu.

Ghaldaqstant hass li huwa gie diskriminat fl-ghoti ta' din il-promozzjoni u li gie mtellef kull opportunita` li javvanza fil-karriera tieghu ingustament u b'hekk sofra danni morali u finanzjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jigi kkumpensat ghal dak kollu li huwa gie mtellef ingustament

skond kif tiddeciedi l-Qorti, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern illi eccepixxa illi huwa ma hux legittimu kontradittur u ghalhekk gie mharrek inutilment stante illi l-Bord ta' l-Ghazla huwa maghzul mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ir-rizultat ta' l-interview kif ukoll il-persuni maghzula mill-Bord sabiex jimlew il-postijiet vakanti jigu mghoddija lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-promozzjoni ta' dawk maghzula finalment issir mill-Prim Ministru wara rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk it-Tabib Principali tal-Gvern ma hu nvolut fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri. Di piu` il-proceduri li jirrigwardaw il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku huma insindikabbli ai termini ta' l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni.

Ghaldaqstant l-intimat fil-waqt li gab il-premess a formali konjizzjoni tar-rikorrent talab lil dan it-Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet maghmula fir-rikors stante li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepiet:

**1.** Illi fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

**2.** Illi ma jirrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrent is-Sur John Camilleri qatt ghamel xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif seta' jaghmel taht il-Klawsola 1.1.7 ta' l-Estacode dwar l-ilment relatat mal-hatra ta' Enrolled Nurse 1A. Il-Kummissjoni qed tirrileva dan ghall-fini ta' l-artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

**3.** Illi minghajr pregudizzju jinghad li kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet permezz ta' Circulari tad-Dipartiment tas-Sahha (DH Circular No 17/88) li ggib id-data ta' l-1 ta' Frar 1988 ghall-mili ta' postijiet ta' Enrolled Nurses 1A fid-Dipartiment tas-Sahha. Ir-rikorrent kien fost it-tliet mija u hames persuni li applikaw ghal dan il-post.

**4.** Illi mir-rapport tal-Bord ta' l-Ghazla approvat mill-Kummissjoni jdiher li r-rikorrent gie fil-mitejn u wiehed u hamsin (251) post fl-ordni tal-mertu b' 263 marka minn total ta' 400 marka.

**5.** Illi fit-3 t'April 1989 il-Kummissjoni ghamlet ir-rakkomandazzjoni taghha ghall-hatra ta' l-ewwel mija u erbgha u ghoxrin (124) kandidat. Din ir-rakkomandazzjoni giet approvata mill-Prim Ministru fit-13 ta' April 1989.

**6.** Illi fit-28 ta' Mejju 1990 il-Kummissjoni ghamlet rakkomandazzjoni ohra sabiex jinhatru sbatax il-persuna ohra biex jimtlew vakanzi godda. Il-Prim Ministru ffirma din ir-rakkomandazzjoni fil-31 ta' Mejju 1990.

**7.** Illi l-allegazzjonijiet u l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent m'ghandhom ebda relazzjoni ma' l-operat tal-Kummissjoni u din ma taf xejn dwarhom.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent pprezenta affidavit fejn semma li f'Marzu tal-1975 beda jahdem bhala Enrolled Nurse mad-Dipartiment tas-Sahha f' diversi sezzjonijiet. Semma li kien jassisti diversi professuri fosthom

lil Mr. Zrinzo. Fl-1988 kienu hargu applikazzjonijiet ghal post ta' Enrolled Nurse Grade 1A u hu applika. Sostna li l-mistoqsijiet li kienu saru fil-konfront tieghu waqt l-interview ma kienux relatati max-xoghol ta' nurse izda kienu aktar relatati ma xoghol ta' tabib li jahdem fl-isptar. Minkejja li kienu saru dawn il-mistoqsijiet xorta hass illi kien ta risposti li kellhom ikunu kunsidrati bhala tajba mill-membri tal-Bord. Fiz-zmien illi kien sar l-interview kellu diploma mill-Universita` ta' Malta fil-Business Law and Accountancy izda meta pprezenta dan ic-certifikat il-membri tal-Bord irrifjutaw illi jaccettaw dan ic-certifikat minkejja li fir-regolamenti ta' dan l-interview ma kienx hemm distinzjoni bejn certifikat f'materja jew ohra.

Xehed Mr. Lawrence Zrinzo li semma li jaf lir-rikorrent u li meta gie Malta fl-1982 inkarigat minn neuro-surgery kien hemm certu Dr. Cupez li introducielu lir-rikorrent bhala nurse tajjeb u mill-ahjar. Zied li f` diversi okkazjonijiet hadem mar-rikorrent u sabu bniedem habrieki u efficjenti. Semma li bl-ghajnuna tar-rikorrent kien isib ir-rapporti u l-files ta` kull kaz preparat, inkluz il-blood samples dejjem lesti qabel ma biss jigi l-pazjent biex jarah halli jkun jista' nara sewwa d-dokumenti. Qal li s-sens ta` dedikazzjoni tar-rikorrent kien wiehed kbir u li fejn suppost kien jispicca fis-saghatejn ta' wara nofs in-nhar, spiss kien idum sal-erbgha u r-rikorrent kien jibqa' hemmhekk biex jghinu biex ikun jista' jaqdi d-doveri tieghu kif suppost. Zied li f' okkazjoni minnhom iltaqa' mar-rikorrent hiereg wara interview u tkellmu dwar xi staqsewh lir-rikorrent u hu rrimarka

li dawk it-tip ta' domandi ma kienux ghal nurse u peress li hass li fil-kuxjenza tieghu m' ghandux jittollera haga bhal din mar ikellem lin-nies li qed jaghmlu l-interview dwar dan. Meta kellimhom "dawn kienu tabib u tnejn minn nies mic-civil. Kont ghidtilhom li fil-fehma tieghi li tistaqsi domanda fuq neuro-surgery, fuq hip replacement u fuq komplikazzjonijiet tal-prostata ma kienux domandi li kellhom isiru ghal skopijiet ta' biex wiehed javalwa l-kapacitajiet ta` persuna bhala nurse. Dawn huma affarijiet ta` medicina u mhux haga ta` nurse. Kien ikun jinkombi affarijiet ohra li tistaqsi fuqhom ghal ezami ta' nurse u infatti kont tajthom ezempji li fil-fehema tieghi kienu jkunu tajbin ghal dan l-iskop."

Xehed Frank Attard Senior Principal fil-Human Resources fid-Dipartiment tas-Sahha li semma li r-rwol tad-Dipartiment fil-kaz ta' promozzjonijiet hu li jinhatar board of selection mill-Public Service Commission u li ghalhekk dan jirrispondi lilll-Public Service Commission. Id-dipartiment jindika biss li ghandu bzonn persuna ghat-tali post. Il-bord ikun kompost minn tlieta minn nies, wiehed rapprezentant tal-MPO waqt li tnejn ohra nies li jifhmu fis-suggett. Huwa solitu hafna li dawn it-tnejn minn nies ikunu ufficjali tad-dipartiment, impjegati pero` mhux necessarjament. Ukoll qatt ma jkun il-kap tad-dipartiment. Ikollhom ghad-dispozizzjoni taghhom is-service and leave record u d-defaulter sheet. Ma jkunx hemm rakkomandazzjonijiet tal-Kap tad-Dipartiment jew kontra. Suppost li tezisti dwar kull persuna, il-personal record sheet li hija l-appraisal

tal-persuna fix-xoghol li taghmel matul is-sena pero` sfortunatament spiss li din ma ssirx. Is-seniority tohrog mill-istaff list.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi t-Tribunal irid jiddeciedi fuq l-aspetti legali kif ukoll il-mertu tal-kaz u hu solitu li l-ewwel isiru d-decizjonijiet fuq l-eccezzjonijiet ta' natura legali. Izda minn apprezzament tal-provi li gew prodotti jirrizulta li r-rikorrent ghamel ftit provi u cioe` dwar il-hidma tajba tieghu kif ukoll l-evalwazzjoni tajba ta' Mr. Zrinzo waqt li d-dipartiment hasel idejh billi pprova jghid li r-responsabbilta` hija kollha tal-Public Service Commission waqt li l-Public Service Commission ippruvat tistahba wara l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni.

Fil-kawza fl-ismijiet "John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha" deciza fis-7 ta' Mejju, 1998 dan it-Tribunal qal:

"Illi l-intimat qieghed isostni li l-applikazzjonijiet gew processati mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u ghalhekk id-Dipartiment tas-Sahha ma kellu ebda prerogattiva. Sostna li d-dokumenti kollha ma humiex sindakabbli a tenur ta' l-Artiklu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Sostna li ebda Qorti ma tista' tezamina l-procedura li intuzghat sabiex inghatat tali promozzjoni. Ikkwota l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi: Il-kwistjoni jekk -

(a) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni;

(b) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita' ohra tkun qdiet validament xi funzjoni delegata lil dak il-membru, ufficjal pubbliku jew awtorita' bis-sahha tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 110 ta' din il-Kostituzzjoni; jew

(c) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita' ohra tkun qdiet validament xi funzjoni ohra dwar ix-xoghol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bhal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan,

ma ghandiex tigi ezaminata minn ebda Qorti.

Sostna li d-Dipartiment tas-Sahha ma jiehu l-ebda decizzjoni rigward hatriet jew promozzjonijiet fi hdan id-Dipartiment tas-Sahha. Kull ma jaghmel hu li jfassal is-sejha ghall-applikazzjonijiet [li trid tigi approvata Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku], jirrakkomanda nies sabiex jkunu jaghmlu parti mill-Bord ta' l-Ghazla liema decizzjonijiet jistghu jigu varjati mill-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal certament jaqbel u hu obbligat isegwi dak li jghid l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni hija "sacra" u certament ma tista' ebda Qorti tmur kontra taghha. Izda ir-ragunar ta' l-intimat mhux koerenti ma' l-Att VIII tal-1997. Fl-artikolu 2 ta' l-Att il-ligi taghti definizzjoni ta' "persuna

aggravata". L-artikolu 6 jitkellem dwar is-setghat tat-Tribunal u jghid hekk:

6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Ghalhekk persuna aggravata li tkun sofriet ingustizzja matul il-perijodu preskritt skond l-artikolu 5 (4) ghandha d-dritt titlob ir-

rimedju lit-Tribunal. Fost il-kazijiet li jintitolaw persuna aggravata li titlob rimedju mit-Tribunal hemm dawk relattivi ghal hatriet u promozzjonijiet. Meta wiehed jaqra l-artikolu 5 (2) bil-fors li jasal ghall-konkluzzjoni li l-azzjoni tista' titmexxa kontra kull Dipartiment tal-Gvern jew awtorita' ohra tal-Gvern. L-artikolu 7 (9) (b) jghid li biex jasal ghad-decizzjoni jekk ilment ikunx gustifikat, it-Tribunal ghandu jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode.

Issa fl-Att VIII tal-1997 imkien ma insibu li impjegat governattiv li jsofri ingustizzja dwar hatra jew promozzjoni ma jistax jippromwovi rikors quddiem it-Tribunal. Lanqas imkien ma nsibu li l-persuna aggravata minhabba nuqqas ta' hatra jew promozzjoni trid tistitwixxi l-proceduri kontra l-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku. Li kieku l-legislatur ried hekk kien jghid dan - "Ubi lex voluit, dixit". Meta t-Tribunal jezamina talba dwar allegata ingustizzja relattiva ghal hatra jew promozzjoni ta' impjegat governattiv, dan ma jkunx qieghed b'ebda mod jezamina jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha mill-Kostituzzjoni. Tant kemm hu hekk li dan it-Tribunal mhu sejjer qatt jazzarda jghid li xi hatra jew promozzjoni moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhix valida. Izda dan ma jeskludix li bhala rizultat ta' tali hatra jew promozzjoni ma jistax ikun hemm minn ibati ingustizzja. Hu ghalhekk li dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jindaga dwar allegati ingustizzji.

Interessanti ukoll hu dak li jghid l-artikolu 5 (3) u cioe':

(3) (a) Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Fl-Ewwel Skeda - Taqsima A ma hemmx imnizzla l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Din tissemma fl-artikolu 5 (3) (b) li taghmel referenza ghat-Taqsima B.

Ta' min josserva li meta fil-kaz ta' hatra jew promozzjoni t-Tribunal jilqa' talba u jistabbilixxi li saret ingustizzja, ir-rakkomandazzjoni ghall-implimentazzjoni tad-decizzjoni ma ssirx lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 7 (11) jsemmi li jkun id-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal. Importanti wkoll hi li l-istess Kostituzzjoni fl-artikolu 110 (1) issemmi li s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi… tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 112 (1) tal-Kostituzzjoni jsemmi li:

"Is-setgha li jaghmel hatriet bi trasferiment lil u mill-karigi li ghalihom dan l-artikolu jghodd tkun fil-Prim Ministru li jagixxi wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:"

Il-fatt li rikors jigi istitwit kontra kap ta' Dipartiment u f'dan il-kaz kontra it-Tabib Principali tal-Gvern mhux necesarjament tirrifletti

b'mod ikrah fuqu jekk stess it-tribunal jaqbel mat-talba. Il-proceduri jigu istitwiti kontra tieghu a tenur ta' l-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li jirrikjedi li l-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Jista' jkun li veru dik l-ingustizzja tkun saret minn dak il-Kap, pero' facli li din ma tkunx saret minnu personalment izda minn predecessur tieghu, minn xi Bord ta' Ghazla, minn xi Ministru, minn xi subalterni tieghu, jew rizultat ta' cirkostanzi eccezzjonali li fil-konfront ta' individwu partikolari jistghu jammontaw ghal ingustizzja.

Illi ghalhekk jichad l-eccezzjoni ta' l-intimat."

Fil-kaz in ezami r-rikorrent semma fejn hadem u kemm hadem tajjeb, li dan it-Tribunal m' ghandux ghalfejn jiddubita. Fahhru hafna wkoll Mr. Zrinzo li semma li d-domandi li kienu qed isiru lill-kandidati kienu ta' wisq livell gholi. Izda r-rikorrent la pproduca c-cirkolari in kwistjoni u x' rekwiziti kien fiha, la pproduca lista tal-applikanti, anqas kopja tar-rizultat, anqas lista ta' min ikkwalifika u kemm minn dawn kienu juniors tieghu, anqas lista komparattiva tal-kwalifiki li kellhom dawk li gew maghzula. Biex it-Tribunal jasal li saret ingustizzja jrid ikollu f' idejh provi sufficjenti li fil-fatt saret ingustizzja jew ghax cirkolari ma hargitx kif suppost jew ma gietx segwita l-procedura li suppost jew li persuni b' anqas seniority, kwalifiki ecc. lahqu huma u mhux ir-rikorrent li jkun haqqu jsir hu.

Hawn it-Tribunal ma jirrizultalu xejn minn dan u l-apprezzament pozittiv tieghu nnifsu mir-rikorrent kif ukoll dak ta' Mr. Zrinzo jista' jwassal biss lit-Tribunal biex jikkonkludi li jezistu elementi pozittivi fir-rikorrent izda dan ma jwassalx biex it-Tribunal ihoss li kien jimmerita aktar ir-rikorrent minn min fil-fatt lahaq. Ma jwassalx ghalhekk biex tigi pruvata l-ingustizzja li qieghed jattribwixxi r-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat. Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.